MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 1281/2007

Agnes **GERA DE PETRI BONICI GĦAXAQ**

vs

**KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET** u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-6 ta' Diċembru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin jaħtu lejha għad-danni kollha mġarrbin minnha b'riżultat tal-okkupazzjoni u l-użu bla jedd min-naħa tagħhom tal-fond numru mija u ħmistax (115), Triq it-Tejatru, kantuniera mal-post numru disgħa u sittin (69), Triq l-Ifran, Valletta, għaż-żmien kollu bejn il-25 ta' Frar, 1958 u t-8 ta' Jannar, 2007, u wkoll bħala konsegwenza tal-illegalita' tal-istess okkupazzjoni fid-dawl tad-dikjarazzjoni magħmula mill-Qorti Kostituzzjonali (f'sentenza tagħha tat-8 ta' Jannar, 2007) li t-teħid tal-proprjeta' tagħha mill-pussess tagħha kien illegali u sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; (b) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan, id-danni mġarrbin mill-attriċi, konsistenti fit-telfien ta' kera b'riżultat tal-imġiba tal-imħarrkin tul iż-żmien imsemmi u f'danni oħrajn li jirriżultaw waqt is-smigħ, flimkien mal-imgħax fuq l-ammonti dovuti u b'aġġustament għall-inflazzjoni tul il-medda taż-żmien; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrkin iħallasuha d-danni hekk likwidati. Talbet ukoll l-ispejjeż u żammet sħiħa kull pretensjoni tagħha dwar iż-żamma tal-post min-naħa tal-imħarrkin għal kull żmien wara Jannar tal-2007;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Diċembru, 2007, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fit-8 ta' Jannar, 2008, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, eċċepew (i) li l-imħarrek Avukat Ġenerali ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi u eċċepew ukoll (ii) il-ġudikat, safejn l-azzjoni attriċi hija maħsuba li terġa' tiftaħ mill-ġdid id-diskussjoni dwar il-konformita' tal-iskop tal-esproprju u tal-użu tal-post in kwestjoni mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, liema kwestjoni nqatgħet b'mod finali fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali f'Jannar tal-2007. Eċċepew (iii) il-preskrizzjoni għall-finijiet tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu għal kollox il-

pretensjonijiet tal-attriċi u qalu li d-dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni kienet mibnija fuq il-piż sproporzjonat li l-attriċi kellha ġġor minħabba l-kera baxx, iżda dik is-sejba bdiet tgħodd minn dak inhar li l-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza tagħha u mhux b'effett b'lura.  Ċaħdu wkoll li l-attriċi tista' tfittex għad-danni ladarba l-attriċi nnifisha tqis li d-dikjarazzjoni li l-post kien ittieħed b'titolu ta' pussess u użu kien intemm l-effett tagħha (bis-saħħa tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali) qisu qatt ma kien.  Min-naħa l-oħra, ladarba huma kellhom titolu tajjeb ta' pussess u użu sa dak inhar li l-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza tagħha, l-attriċi ma tistax tfittixhom għad-danni, iżjed u iżjed ladarba ma hemm l-ebda rabta ta' kawżalita' bejn is-sejbien ta' nuqqas ta' proporzjonalita' ta' kumpens u d-danni allegati mill-attriċi.  Tennew li meta l-post ġie f'idejhom, kien dar ta' abitazzjoni u għalhekk, skond il-liġi kif kienet f'dak iż-żmien, il-kera kien wieħed kontrollat u jiżdied biss kif permess mill-istess liġi, filwaqt li l-kera xieraq kien stabilit minn dikjarazzjoni magħmula mis-sid innifsu dak iż-żmien. Żiedu jgħidu li l-azzjoni attriċi m'hijiex waħda għal danni, imma waħda li tikkontesta l-kera ta' akkwist, liema kwestjoni jmissha titkompla tinstema' mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, li quddiemu għad hemm pendenti l-kawża 28/76, mibdija mill-awtur tal-attriċi u li kienet tħalliet tistenna l-eżitu tal-kawżi kostituzzjonali.  Iqisu li l-mod kif l-attriċi ressqet din il-kawża juri li qiegħda tipprova ddur mas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali biex torbot idejn il-Gvern ħalli ġġegħelu jixtri l-post b'titolu assolut b'talba għal prezz għoli li jissarraf fi qligħ mhux mistħoqq għall-attriċi u f'piż qawwi għall-erarju pubbliku.  Għalhekk, ladarba l-attriċi trid li tingħata kumpens għall-okkupazzjoni tal-post tagħha, ma jgħoddx il-kriterju tal-ħlas ta' ħamsa fil-mija (5%) pretiż minnha, li jitħaddem biss fil-każ fejn post meħud mill-Gvern jinkiseb b'titolu assolut.  Iwarrbu wkoll it-talba tal-attriċi għall-ħlas ta' mgħaxijiet u ta' aġġustament għall-inflazzjoni;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' April, 2008, li bih ordnat li qabel kull ħaġa oħra kellha ssir it-trattazzjoni tat-tieni eċċezzjoni preliminari dwar il-ġudikat, u, fuq talba tal-

avukati tal-partijiet, ordnat li t-trattazzjoni tagħha ssir permezz ta’ Noti ta’ Osservazzjonijiet;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-2 ta’ Mejju, 2008[1];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fit-30 ta’ Mejju, 2008[2], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta’ Ġunju, 2009, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għad-danni u għall-ħlas ta’ kumpens għal użu ta’ ġid tal-attriċi għal tul iż-żmien li kienet fis-seħħ dikjarazzjoni tal-Gvernatur dwar teħid b’titolu ta’ pussess u użu ta’ dak il-ġid. L-attriċi trid li l-imħarrkin jinsabu responsabbli lejha għad-danni kollha li hija (flimkien mal-awtur tagħha) ġarrbet minħabba l-effetti ta’ dik id-Dikjarazzjoni, għaż-żmien kollu li kienet fis-seħħ sa ma b’sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija f’Jannar tal-2007, kien deċiż li dik id-Dikjarazzjoni ma kinitx tiswa;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu b’eċċezzjonijiet kemm ta’ xejra preliminari u kif ukoll b’eċċezzjonijiet oħrajn fil-mertu. L-eċċezzjonijiet preliminari kienu li (i) l-imħarrek Avukat Ġenerali m’huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, (ii) li, safejn l-azzjoni attriċi trid terġa’ tiftaħ mill-ġdid kwestjoni maqtugħa bis-sentenzi mogħtija

[1] Paġġ. 171 – 5 tal-proċess
[2] Paġġ. 178 – 180 tal-proċess

fil-kawżi kostituzzjonali mressqin mill-istess attriċi, josta l-ġudikat u (iii) li f'kull każ, l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn maħsuba fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-attriċi hija sid ta' post fil-Belt Valletta bis-saħħa ta' wirt ta' zijuha l-Markiż Alfio Testaferrata Bonici Għaxaq[3], u ta' kuntratt ta' immissjoni fil-pussess ta' legat pubblikat f'Marzu tal-1990[4]. B'Dikjarazzjoni tal-Gvenatur ta' Malta maħruġa fi Frar tal-1958, il-Gvern akkwista l-imsemmi post b'titolu ta' pussess u użu. Fl-1967, l-imħarrek Kummissarju tal-Artijiet fetaħ proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet kontra l-awtur tal-attriċi għall-iffissar tal-kera xieraq tal-post;

Illi fl-1996, l-attriċi fetħet kawża għal ksur ta' jeddijiet fundamentali taħt il-Kostituzzjoni u wkoll taħt il-Konvenzjoni minħabba dak it-teħid. B'sentenza mogħtija fit-18 ta' Jannar, 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) qatgħetha li seħħ ksur tal-jedd tal-attriċi taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, astjeniet milli tqis il-kwestjoni jekk l-attriċi kinitx ġarrbet ksur taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u rriżervat li tipprovdi dwar it-talba għall-kumpens fi stadju ulterjuri jekk iqum il-każ. Qalet ukoll li d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur tal-25 ta' Frar, 1958 kienet nulla u bla effett u ordnat ir-rilaxx tal-post favur l-attriċi. B'sentenza mogħtija fit-8 ta' Jannar, 2007[5], il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat l-imsemmija sentenza safejn sabet li d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur kienet bla effett, fejn ordnat li l-post ikun rilaxxat favur l-attriċi (wara li fissret li l-ksur li sabet taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll kien jikkonsisti f'nuqqas ta' proporzjonalita' fil-piż li l-attriċi u l-awtur tagħha qabilha kellhom iġorru minħabba dak it-

[3] Dok "A", f'paġġ. 8 sa 31 tal-proċess
[4] Dok "B", f'paġġ. 32 – 6 tal-proċess
[5] Dok "D", f'paġġ. 38 sa 64 tal-proċess

teħid), u fejn l-ewwel Qorti kienet astjeniet li tqis l-ilment taħt l-artikolu 14, iżda ħassritha u rrevokatha fil-bqija;

Illi fil-11 ta' Jannar, 2007, l-attriċi talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Żgumbrament fil-konfront tal-Kummissarju mħarrek. It-talba ntlaqgħet dak inhar;

Illi fil-15 ta' Jannar, 2007, l-attriċi ressqet talba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) għall-finijiet tal-artikolu 235 tal-Kap 12 biex terġa' tqiegħed il-kawża (kostituzzjonali) għas-smigħ ħalli tkun tista' tiddeċiedi wkoll it-talba tagħha għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li hija soffriet minħabba l-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha;

Illi permezz ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-22 ta' Jannar, 2007, il-post tal-attriċi ttieħed għal skop pubbliku taħt titolu ta' dominju pubbliku. Fit-22 ta' Marzu, 2007, qabel ma l-Mandat ta' Żgumbrament kien eżegwit, l-imħarrek Kummissarju tal-Artijiet ressaq talba biex il-Qorti tħassar l-imsemmi Mandat. B'degriet mogħti fl-10 ta' April, 2007[6], il-Qorti ma laqgħetx it-talba għat-tħassir tal-Mandat, imma ordnat li l-istess ma jkunx eżegwit "ħlief jekk u meta jkun hemm sentenza definitiva li tgħid illi ma jiswiex it-teħid tal-proprjeta' bis-saħħa tad-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-22 ta' Jannar, 2007". L-attriċi (eżekutanti f'dak il-mandat) appellat (u l-Kummissarju eżekutat ressaq ukoll appell inċidentali), imma bi provvediment mogħti mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Mejju, 2007[7], l-appelli ma ntlaqgħux;

Illi b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' Novembru, 2007[8], it-talba tal-attriċi biex dik il-Qorti tqis il-kumpens dovut ma kinitx milqugħa. L-attriċi appellat minn dik is-sentenża.[9] Fis-6 ta' Diċembru, 2007, infetħet din il-kawża;

[6] Dok "AG1", f'paġġ. 143 – 9 tal-proċess
[7] Dok "AG2", f'paġġ. 151 – 7 tal-proċess
[8] Dok "F", f'paġġ. 66 sa 88 tal-proċess
[9] L-appell tagħha ma ntlaqax b'sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29.2.2008

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat jingħad minnufih li eċċezzjoni bħal din tirnexxi biss jekk kemm-il darba jkunu jirriżultaw l-elementi magħrufa wara li jsir tqabbil bejn it-talbiet magħmula f'din l-azzjoni u dawk li kienu saru fil-proċeduri li issa qiegħed jingħad li joħolqu x-xkiel tal-ġudikat. L-elementi magħrufa f'eċċezzjoni tal-ġudikat huma stabiliti mid-duttrina;

Illi llum il-ġurnata hemm qbil ġenerali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa meħtieġ biex l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (*eadem res*), l-istess partijiet (*eadem personae*) u l-istess mertu (*eadem causa petendi*). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*). Il-partijiet f'din il-kawża jaqblu dwar dawn l-elementi u dwar il-ħtieġa tal-konkors tagħhom;

Illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat tissemma fl-artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili bħala waħda li dwarha għandha tingħata deċiżjoni b'kap għaliha, ukoll jekk tinqata' flimkien mal-mertu fid-deċiżjoni aħħarija;

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza[10], li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat[11];

Illi minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tingħata

[10] App. Kumm. **5.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Herrera noe vs Cassar noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.489**)
[11] App. Ċiv. **28.6.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Caterina Ġerada et vs Avukat Antonio Caruana*** (mhix pubblikata)

interpretazzjoni dejqa, tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni[12];

Illi, min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwestjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata; jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil dik is-sentenza.[13] Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża tkun diġa' teżisti fil-waqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża[14];

Illi fil-kawża tal-lum, ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar <u>l-element tal-identita' tal-persuni</u>, li huwa huwa wkoll fondamentali u ta' siwi għall-eċċezzjoni daqs iż-żewġ elementi l-oħrajn. In-nuqqas tiegħu huwa biżżejjed biex jeskludi l-ġudikat għaliex min ma kienx preżenti fil-ġudizzju, u lanqas kien fih rappresentat leġittimament, ma jistax jitqies marbut b'sentenza mogħtija u li għaddiet in ġudikat, ukoll jekk l-eżitu ta' dik is-sentenza ikun jiffavorih[15]. Fil-każ tal-lum, hemm involuti l-istess partijiet li kienu parti fil-kawża (kostituzzjonali) li s-sentenza tagħha l-imħarrkin jistrieħu fuqha biex isejsu l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Illi għalhekk jirriżulta li dan l-element tal-eċċezzjoni tal-ġudikat huwa soddisfatt;

Illi <u>għal dak li jirrigwarda l-element tal-identita' tal-ħaġa</u> huwa mfisser li dan l-element jirreferi għall-oġġett li jifforma t-talba, jiġifieri jirreferi għall-punt involut fil-kontroversja bejn il-partijiet. Huwa stabilit li mhux meħtieġ li jkun hemm l-identita' assoluta bejn it-talba li tifforma l-mertu tas-sentenza li saret ġudikat u t-talba fit-tieni kawża, għaliex hu meqjus biżżejjed li jkun hemm xebh f'tali punt

---

[12] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**), u s-sentenzi hemm imsemmija

[13] Ara P.A. **11.3.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Parnis vs Soler*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.344**);

[14] P.A. GV **27.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***A.P. Farruġia noe vs T. Borġ Reveille et*** (Mhix pubblikata)

[15] App. Ċiv **11.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Grixti vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XLII.i.198**); u App. Ċiv. **5.2.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Degabriele vs Frank Gulia et*** (Mhix pubblikata)

kontrovers[16]. Dan jinkwadra ruħu f'dak li fid-duttrina huwa magħruf bħala l-"*giudicato esplicito*" u l-"*giudicato implicito*"[17];

Illi minn dak li joħroġ minn qari tar-Rikors Maħluf, l-azzjoni hija waħda ta' danni u kif ukoll ta' kumpens minħabba l-okkupazzjoni tal-post tal-attriċi tul iż-żmien kollu li kien fis-seħħ l-Ordni ta' teħid taħt titolu ta' pussess u użu. L-imħarrkin jisħqu li permezz tas-sentenza mogħtija fit-8 ta' Jannar, 2007, il-Qorti Kostituzzjonali ddeterminat jew stradat kull pendenza li seta' kien hemm bejn il-partijiet dwar l-okkupazzjoni tal-post tal-attriċi tul iż-żmien kollu li damet fis-seħħ id-Dikjarazzjoni tal-Gvern. Iżidu jgħidu li bis-saħħa ta' dik is-sentenza, lanqas kien meħtieġ li tinbeda kawża oħra għad-danni, imma biss aġġustament tal-kumpens skond il-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi dwar dan l-argument l-attriċi ssemmi ftit li xejn fin-nota tagħha, għajr li tgħid li fetħet din il-kawża sewwasew minħabba li qiegħda tistrieħ fuq dak li ddisponiet il-Qorti Kostituzzjonali u mhux bil-ħsieb li terġa' tiftaħ mill-ġdid il-kapitolu ta' kwestjonijiet li dik l-istess sentenza iddefiniet;

Illi l-Qorti tasal biex taqbel mal-attriċi. Il-kawża li għandna quddiemna llum hija waħda li tirrigwarda oġġett li l-Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali ma iddeċidewx, iżda li ħallewh impreġudikat. Meta l-attriċi ittantat titlob lill-Qorti fis-sedi kostituzzjonali tagħha biex tiddeċiedi dwar it-talba tagħha għall-ħlas ta' kumpens, dik il-Qorti (u l-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat) saħansitra indikat li dak ir-rimedju ried jintalab fis-sura ta' rimedju li messu jitfittex "b'riferenza għad-dritt ċivili ordinarju tar-rikorrenti". Dan kollu jixhed li s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali f'Jannar tal-2007 ma tistax isservi biex issejjes l-eċċezzjoni fuq din il-kawżali, u dan jingħad aktar u aktar meta wieħed jiftakar li dik l-istess sentenza għamlitha ċara li żammet riżerva għal kull dritt li l-attriċi jista' jkollha għall-kumpens dovut lilha għall-okkupazzjoni

[16] P.A. **28.2.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.243**) u App. Ċiv. **15.2.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs Mifsud et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.51**)
[17] Ara App. Inf. **28.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Camilleri et vs Mario Borġ pro et noe et***

u użu minn terzi tal-post in kwestjoni, "bi proċeduri ordinarji";

Illi, fid-dawl ta' dak li ngħad qabel ukoll, fejn l-identita' tal-ħaġa li tintuża biex issejjes l-eċċezzjoni tal-ġudikat trid toħroġ b'mod ċar, allura f'każ ta' dubju l-eċċezzjoni għandha titwarrab;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li dan l-element tal-eċċezzjoni taħt eżami ma jirriżultax;

Illi l-istess jista' jingħad dwar l-element tal-identita' tat-talba attriċi preżenti. Ġeneralment, b'dan l-element wieħed jifhem u jirreferi għat-titolu jew kawżali li fuqhom jinbnew it-talbiet tal-kawża. Dwar dan il-punt inqalgħu għadd ta' diffikultajiet matul iż-żmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tingħata lill-frażi l-"istess kawżali" (*eadem causa petendi*), l-iżjed dwar kemm għandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun ġie deċiż u dak li jkun qiegħed jintalab fit-tieni kawża. Huwa tassew ovvju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintagħmlu u li jwasslu għal dik is-sentenza;

Illi l-Qorti tosserva li ġie wkoll għadd ta' drabi mfisser li l-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni proċediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat[18];

Illi din il-Qorti fittxet l-għejjun ta' dritt li minnhom ħarġet u xxettlet id-duttrina tal-ġudikat f'dan ir-rigward, b'mod partikolari dak li jgħallmu l-awturi Aubry, Rau u Laurent.

[18] Ara P.A. FGC **4.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited*** (mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija

M'huwiex għalxejn li l-liġi tipprovdi[19] li s-sentenza għandha tkun motivata u li jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha. Huwa minħabba dawk ir-raġunijiet li wieħed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawża kif fil-fatt qatgħetha. Kien għalhekk li jingħad li d-dispożittiv ta' sentenza m'għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma ghandu jiġi minn dan definit u spjegat[20];

Illi dan it-tagħlim ġie mfisser u mtenni wkoll b'mod ċar ħafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**26 ta' Mejju, 1967** fil-kawża fl-ismijiet _Grima vs Fava et_[21] li għaliha u r-rassenja ta' ġurisprudenza msemmijin fiha ssir riferenza;

Illi, fil-qosor jingħad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-eżistenza, allura jirrikorri r-rekwiżit tal-identita' tal-oġġett[22] li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Illi l-attriċi tgħid li dan l-element tal-ġudikat ma jeżistix fil-każ tagħha, għaliex kulma qiegħda titlob f'din il-kawża huwa dak li dwaru ma ngħata l-ebda provvediment fl-ebda sentenza. Saret biss riżerva għall-jedd li tipproċedi, u hekk għamlet f'din il-kawża, wara li kienet interpellat uffiċjalment[23] lill-imħarrkin u dawn naqsu li jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-kumpens pretiż. In-natura tal-azzjoni nnifisha wkoll hija għal kollox differenti minn dik li fuqha nbniet il-kawża kostituzzjonali. Il-fatt li wħud mill-premessi tal-kawża attriċi jitilqu minn dak li ddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija sentenza tat-8 ta' Jannar, 2007, ma jfissirx b'daqshekk biss li l-kawża tal-lum qiegħda terġa' tiftaħ kwestjoni magħluqa b'dak il-ġudikat. Lanqas il-kwestjoni dwar in-natura delittwali li ssejjes il-pretensjonijiet attriċi u li l-imħarrkin iqanqlu fin-

---

[19] Art. 218 tal-Kap 12;

[20] Ara App. Ċiv. **25.4.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciberras Trigona vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.131**); App. Ċiv. **31.3.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.76**) u App. Ċiv. **12.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Testaferrata Boniċi utrinque*** (Kollez. Vol: **XLII.i.287**)

[21] Kollez. Vol: **LI.i.325**

[22] Ara App. ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**) fuq imsemmija.

[23] Dok "E", f'paġ. 65 tal-proċess

nota ta' sottomissjonijiet tagħhom m'huwa postha fl-istħarriġ tas-siwi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma fi stadju ieħor xieraq tal-kawża. Hekk ukoll jista' jingħad dwar il-bażi ġuridika tal-pretensjoni tat-talbiet attriċi u l-kriterji tal-kumpens minnha pretiż;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li jonqos ukoll it-tielet element meħtieġ biex tirnexxi l-eċċezzjoni taħt eżami;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-ġudikat** imqajma mill-imħarrkin, **bl-ispejjeż kontra tagħhom**, għaliex ma jirriżultawx ir-rekwiżiti meħtieġa biex tista' tintlaqa'; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------